MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 1621/2003

**Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta estera American Home Assurance Company kif surrogat fid-drittijiet ta' l-assigurat tieghu John Delicata u l-istess John Delicata**

**vs**

**Kenneth Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-20 ta' Awissu, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u tnejn u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm172.50) rappresentanti danni sofferti mill-atturi f'incident stradali li sehh fis-27 ta' Lulju 2002 fi Triq San Patrizju, B'Bugia, Wied il-Buni, waqt li l-istess konvenut kien qed isuq l-vettura IAE 419 li tappartjeni lil Alfred Micallef u dahal gol-vettura ta' John

Delicata numru ta’ registrazzjoni FBM 487 misjuqa minn Darren Delicata.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’l-avviz kontra s-socjeta assikuratrici tal-konvenut u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut, ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta’l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-5 ta’ Marzu 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ mija u tnejn u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm172.50), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma’l-avviz kontra s-socjeta assikuratrici tal-konvenut ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------